MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 164/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michelle Catania Cordina**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michelle Catania Cordina talli bejn it-18 ta' Dicembru 2006 u s-7 ta' Jannar 2007, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda, naqset illi taghti access telefoniku lil zewgha Emanuel Catania ghal bintu minuri Deborah, u rrifjutat li taghmel dan minghajr raguni xierqa, u dan bi ksur ta' digriet nru. 1716/01RCP datat 15 ta' Marzu 2004 ppresjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond Pace; u aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi, kisret il-provedimenti ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti

fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sedenti l-Magistrat Dr Anthony J Vella LL.D. fil-11/12/2006;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta’ April, 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Michelle Catania Cordina hatja u kkundannatha gimghatejn (2) detenzjoni, u dana wara li dik il-qorti osservat fis-sentenza taghha hekk:

**“Illi l-imputazzonijiet jirrizultaw ippruvati mill-provi prodotti. L-imputata ma tat ebda gustifikazzjoni fil-ligi ghan-nuqqas taghha, u dan wara li kienet gja` instabet hatja minn din l-istess Qorti ghal reati ohra simili.”**;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Michelle Catania Cordina, minnha prezentat fl-24 ta’ April 2007, li permezz tieghu talbet ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew altrimenti r-riforma taghha;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

Il-hames faccati tar-rikors ta’ appell li fihom suppost hemm ir-ragunijiet tal-appell jistghu jigu riassunti u sintetizzati hekk: l-appellanti tikkontendi li hi ma kellhiex tinstab hatja skond l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, l-ewwel nett ghax access “telefoniku” ma hux kolpit bid-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 338(*ll*)[1] tal-Kodici Kriminali, u fit-tieni lok ghax hija kellha raguni xierqa biex hija tirrifjuta l-access; tillanja wkoll li ma kienx hemm l-elementi tar-reat kontinwat; u fl-ahharnett, galadarba hija ma kellhiex tinstab hatja skond l-ewwel imputazzjoni, hija ma setghetx tinstab hatija skond it-tieni imputazzjoni, cioe` ta’ ksur ta’ *conditional discharge*.

---

[1] **338(*ll*)**: “Huwa hati ta’ kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kull min…meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jaghti jew taghti access lil wild that il-kustodja tieghu jew taghha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jaghmel jew taghmel hekk minghajr raguni xierqa” – fit-test ingliz: “Every person is guilty of a contravention against public order, who…when ordered by a court or bound by contract to allow access to the child in hius or her custody, refuses without just cause to give such access.”

Din il-Qorti, kif inghad, semghet kemm lill-kwerelant Emanuel Catania kif ukoll lill-appellanti fl-udjenzi tad-29 ta’ Mejju 2007 u 3 ta’ Lulju 2007. Halliet jghaddi certu zmien bejn seduta u ohra biex nel frattemp tara jekk fiz-zmien meta Emanuel Catania jkun jahdem fuq ir-*riggs* huwa jkollux access ghat-tifla minuri tieghu permezz tat-telefon – u mid-deposizzjoni tal-imsemmi Emanuel Catania tat-3 ta’ Lulju 2007 kif ukoll minn dik tal-lum, jidher li l-access kif ordnat mis-Sezzjoni tal-Familja tal-Qorti Civili issa qed isehh. Mill-kumpless tal-provi, din il-Qorti ma ssib assolutament xejn x’ticcensura f’dak li kkonkludiet l-ewwel qorti ghar-rigward ta’ htija. L-imsemmija Qorti Civili, bid-digriet taghha tal-15 ta’ Marzu 2004 ordnat *“…lill-attrici taghti access permezz tat-telefon lill-minuri u lill-konvenut bl-iskop li meta jkun barra l-konvenut jikkorrispondi mal-minuri telefonikament.”* Din il-Qorti ma tistax taqbel ma’ l-appellanti li tali access ma hux kolpit bid-disposizzjoni ta’ l-Artkolu 338(*ll*) tal-Kap. 9. Bhala regola l-access huwa wiehed fiziku, fis-sens li genitur ikollu kuntatt dirett mal-wild, ikun jista’ jarah u jkellmu direttament. Dan huwa l-ahjar forma ta’ access intiz sabiex jistabilixxi relazzjoni kif suppost bejn genitur u t-tifel jew tifla tieghu jew taghha. Pero` ma hux eskluz li, minhabba ragunijiet specjali, meta dan l-access dirett ma jkunx jista’ jsehh, ikun hemm forma ta’ access iehor, indirett, permezz tat-telefon jew anke epistolari jew b’mod iehor – hekk, per ezempju, jekk genitur ikun rikoverat fi sptar taht cirkostanzi fejn ma jkunx jista’ jsir kuntatt dirett ghal ragunijiet ta’ sahha, jew meta genitur ikun imsiefer. Kif tajjeb osserva l-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Stepehn Tonna Lowell fl-udjenza tat-3 ta’ Lulju 2007, il-“forma” tal-access hija sekondarja ghall-“iskop” ta’ l-istess access, u ma hemm xejn fl-Artikolu 338(*ll*) imsemmi li josta ghal access li ma jkunx dirett izda li jkun indirett, kif hawn aktar ‘l fuq imfisser. Mill-provi jirrizulta li l-appellanti, fil-periodu indikat fl-imputazzjoni (u f’hafna okkazjonijiet anke qabel) kienet qed taghmel minn kollox, b’hafna skuzi fieragh, biex ma thallix lil Emanuel Catania jikkomunika ma’ bintu meta huwa jkun fuq xoghol barra minn Malta. Din il-Qorti taghmilha cara li r-ragunijiet lil tat l-appellanti meta xehdet fl-udjenza tad-29 ta’ Mejju 2007 – li hi ma kienitx tkun taf x’hin ser icempel ir-ragel, li ma kienitx tkun trid tircevi

“unsolicited calls”, u li ma kinietx taghraf lehen zewgha – huma kollha banalitajiet u skuzi gejjin minn pika kbira li evidentement hemm bejnha u bejn zewgha, u ghalhekk din il-Qorti terga’ ttenni, dawn huma kollha skuzi mhix xierqa skond il-ligi. Konsegwentement l-ewwel qorti kienet perfettament korretta li ssib htija kif effettivament sabet, u dan anke fil-forma (ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni) ta’ reat kontinwat skond l-Artikolu 18 tal-Kap. 9.

Kwantu ghall-piena, billi fil-mori ta’ dana l-appell, wara diversi sentenzi tal-Qorti Inferjuri li kkundannawha biss ghal canfira u twiddiba jew ghal *conditional discharge*, jidher li l-appellanti, issa bil-possibilita` cara ta’ habs imdendla fuq rasha, fl-ahhar irrealizzat li ma jaqblilhiex tibqa’ tipprova tisfida l-ordnijiet tal-Qrati (apparti li tkun ta’ hsarha ghal bintha), din il-Qorti sejra ghal din id-darba biss tbiddel il-piena karcerarja f’wahda pekunjarja. Il-Qorti qed taghmilha cara lill-appellanti li jekk hija terga’ tidher quddiemha akkuzata b’reat li jgib mieghu piena ta’ prigunerija u tinstab hatja ta’ dak ir-reat, hija m’ghandhiex tippretendi jew tistenna xi klemenza minn din il-Qorti.

Ghall-motivi premessi, tiddisponi mill-appell interpost billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tikkonferma l-imsemmija sentenza in kwantu din iddikjarat lill-appellanti hatja skond l-imputazzjonijiet kif dedotti, thassarha u tirrevokaha biss in kwantu kkundannatha ghall-piena ta’ gimghatejn detenzjoni, u minflok, wara li rat l-Artikoli 18, 338(*ll*), 13(1), 341 u 31(1)(g) tal-Kodici Krminali, tikkundanna lill-appellanti Michelle Catania Cordina multa ta’ mitt lira (Lm100), konvertibbli f’ghoxrin gurnata prigunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------